**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Provincie Antwerpen

*Konvenuta:* Belgacom NV van publiek recht

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 6 u l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2002/20/KE [1] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva ta' Awtorizzazzjoni) għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu awtorità ta' Stat Membru milli tintaxxa, għal raġunijiet baġitarji jew għal raġunijiet oħra, l-attività ekonomika tal-operaturi ta' telekomunikazzjonijiet li titwettaq fit-territorju jew f'parti minnu permezz tal-preżenza, fi proprjetà pubblika jew privata, ta' arbli, piluni jew antenni GSM użati għal din l-attività?

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13 Vol. 29, p. 337

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal des affaires de sécurité sociale des Bouches du Rhône (Franza) fit-13 ta' Mejju 2013 — Anouthani Mlalali vs CAF des Bouches-du-Rhône**

**(Kawża C-257/13)**

(2013/C 207/43)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal des affaires de sécurité sociale des Bouches du Rhône

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Anouthani Mlalali

*Konvenut:* CAF des Bouches-du-Rhône

**Domanda preliminari**

L-Artikolu 11 tad-Direttiva 2003/109/KE, tal-25 ta' Novembru 2003, għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprekludi l-kundizzjonijiet imposti bl-Artikoli L.512-2 u D.512-2 tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali Franċiż? [1]

[1] Direttiva 2003/109/KE, tal-25 ta' Novembru 2003, dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 19, Vol. 6, p. 272).

---

**Appell ippreżentat fit-8 ta' Mejju 2013 minn Peter Schönberger mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fis-7 ta' Marzu 2013, fil-Kawża T-186/11, Peter Schönberger vs Il-Parlament**

**(Kawża C-261/13 P)**

(2013/C 207/44)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellant:* Peter Schönberger (rappreżentant: O. Mader, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet tal-appellant**

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013, Schönberger vs Il-Parlament (T-186/11, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra);

— tilqa' r-rikors ippreżentat mir-rikorrent fl-ewwel istanza u tannulla d-deċiżjoni li l-konvenut innotifika lir-rikorrent b'ittra tal-25 ta' Jannar 2011, sa fejn l-eżami tal-petizzjoni Nru 1188/2010 intemm mingħajr ma l-Kumitat għall-Petizzjonijiet eżamina l-kontenut tagħha;

— tikkundanna lill-appellat għall-ispejjeż.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

L-appellant isostni li, fl-espożizzjoni tagħha tal-fatti, il-Qorti Ġenerali injorat il-fatt li l-President tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet kien indika lill-appellant, mingħajr ebda ġustifikazzjoni, li, minkejja l-ammissibbiltà tagħha, il-petizzjoni ma setgħetx tiġi eżaminata fuq il-mertu. Sussegwentement, il-Qorti Ġenerali żnaturat il-fatti meta qieset li l-petizzjoni kienet ġiet eżaminata.

Skont l-appellant, il-Qorti Ġenerali injorat il-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt fundamentali ta' petizzjoni meta qieset, b'mod żbaljat, li dan kien limitat għall-eżami tal-ammissibbiltà ta' petizzjoni. L-appellant isostni li l-kamp ta' applikazzjoni tad-dritt ta' petizzjoni jinkludi wkoll l-eżami tal-kontenut tal-petizzjonijiet meqjusa bħala ammissibbli kif ukoll deċiżjoni adottata fuq il-mertu (dritt għall-eżami tal-petizzjoni).

L-appellant isostni li l-Qorti Ġenerali uriet inkonsistenza meta affermat li, b'mod differenti min-nuqqas ta' eżami ta' petizzjoni inammissibbli, in-nuqqas ta' eżami ta' petizzjoni ammissibbli ma kienx jipproduċi effetti legali.

Skont l-appellant, il-Qorti Ġenerali kkontradixxiet il-ġurisprudenza tagħha stess kif tirriżulta mis-sentenza Tegebauer [1]. Fil-fatt, il-Qorti Ġenerali ddikjarat, f'din is-sentenza, li l-effikaċja tad-dritt ta' petizzjoni tista' tiġi ppreġudikata meta l-kontenut tal-petizzjoni ma jkunx ġie eżaminat.